MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 801/2004

**L-Avukat Albert Grech bhala mandatarju tas-socjeta' estera Marquet Trading Limited gia' Marquet 2000 Limited ta' Newmarket, Auckland New Zealand**

**vs**

**Aquatess Limited (C13358)**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta' attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta ta' l-ekwivalenti f'Liri Maltin tas-somma ta' tmienja u tletin elf sitt mija u disgha u erbghin punt hamsa sebgha Dollaru Amerikan (USD38649.57) bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' 'Beef Striploins' u 'Bobby Veal Shoulders' mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici lil

dik konvenuta kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat Dok A.

Illi minkejja nterpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti.
Illi dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta’ attrici, is-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti.

Talbet illi din il-Qorti:

1. Taqta’ u tiddeciedi l-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ bid-dispensa tas-smigh.

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ekwivalenti f’Liri Maltin tas-somma ta’ tmienja u tletin elf sitt mija u disgha u erbghin punt hamsa sebgha Dollaru Amerikan (USD 38649.57) dovuta kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata wiehed u ghoxrin (21) ta’ April 2004 u tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1861/04 u bl-imghax legali mit-12 ta’ Frar 2004 kontra s-socjeta’ konvenuta ingiunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta Aquatess Limited (C13358) li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni kontra taghha tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------